MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 39/2012

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**Vs**

**Carina ANASTASI [ID. Nru. 355397M] u b'digriet datat 6 ta' Mejju, 2013, kunjom l-intimata gie jaqra BORG**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-30 ta' Jannar, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' tlett mija hamsa u erbghin euro u sebgha u ghoxrin centezmi ta' euro [€345.27c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attriċi s-somma ta' tlett mija u hamsa u erbghin ewro u sebgha u ghoxrin ċenteżmi (€345.27) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bl-akkont numru A/C 50903742 moghtija mis-socjeta attriċi u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas iżda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimata** minnha mressqa fil-15 ta' Marzu, 2012 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, billi:

Fl-ewwel lok l-esponenti llum il-gurnata jisimha Carina Borg.

Illi fit-tieni lok l-ebda ammont ma huwa dovut in konnessjoni mal-kont numru 50903742 u dana in kwantu l-ahhar kont li rċeviet l-esponenti kien fi Frar 2011 ghall-ammont ta' 202.95 Euro liema ammont thallas. Qatt ma nbghat xi kont iehor fejn is-socjeta attriċi ppretendiet li kien hemm xi ammonti ohra dovuti lilha.

Illi fit-tielet lok l-esponenti kienet halset espressament 'in full and final settlement' u l-pagament kien gie aċċettat.

Illi fir-raba lok jirrizulta li fil-11 t'Ottubru 2010 s-socjeta attriċi bghatet ittra fejn allegat hlas ta' €539.52 bhala bilanċ ta' prezz ghal servizzi rezi, "skont diversi kontijiet mibghuta" meta dan l-ammont ma kienx jirrizulta fil-kontijiet li kienu ntbaghtulha. L-intimata kienet kelmet il-*customer care* u eventwalment fi Frar 2011 kien ntbaghtilha l-kont hawn anness bhala dokument "B" li kien juri espressament li l-ammont lilha dovut kien ta' 202.95 Euro. Kif gja premess dan l-ammont thallas in *full and final settlement*.

Illi fil-hames lok u minghajr preġudizzju ghal premess jekk, ghal grazzja t'argument, dan l-ammont huwa dovut bhala penali jrid jinġieb prova dwar il-kuntratt u kif gie mpost il-penali.

Illi fis-sitt lok u minghajr preġudizzju ghal premess kwalsiasi penali li allegatament setghet ġiet imposta ma ġietx imposta regolarment u skond il-ligi u in oltre tmur kontra d-drittijiet tal-konsumatur u fi kwalsiasi kaz ma hix ekwa.

Illi fis-sebgha lok u minghajr preġudizzju ghal premess jekk l-ammont pretiz huwa pretiz bhala penali l-esponenti qieghda titlob wkoll tnaqqis jew tibdil tal-penali a tenur ta' l-Artikolu 1122 tal-Kodici Civili in kwantu s-socjeta attriċi kienet aċċettat espressament il-parti ta' l-obbligazzjoni li ġiet eżegwita.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni in subizzjoni tas-socjeta attrici".

Ra l-verbal datat 14 ta' Marzu, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda u t-trattazzjoni;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din il-kawza, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' tmien mija u seba' euro u sebgha u hamsin centezmu ta' euro [€807.57c] minghand l-intimat u dan in konnessjoni ma servizz televiziv provdut mis-socjeta Multiplus Limited, l-awtur tas-socjeta rikorrenti. L-intimat da parti tieghu jghid li l-ammont pretiz mis-socjeta rikorrenti ma huwiex dovut billi ma gie prestat l-ebda servizz lilu kif qieghed jiġi allegat.

2. Mix-xhieda u dokumentazzjoni prodotta f'dawn il-proceduri rrizulta s-segwenti:

i. Ir-rikorrenti xehdet permezz tal-procedura ta' l-affidavit. Bdiet biex tghid li f'Marzu tas-sena 2009 hija marret f'*outlet* tas-socjeta rikorrenti u akkwistat *mobile phone* tat-tip *Blackerry Pearl*. Qalet ukoll li l-addetti tas-

socjeta rikorrenti kienu tawha kuntratt x'tiffirma iżda hlief li l-mobile kellu garanzija ta' sentejn u li kien ser jiswa tant fix-xahar ma spjegawliex. Tkompli tghid li hi kienet qeghda thallas is-somma ta' €40 fix-xahar. Izzid tghid li "*... kienu spjegawli li l-monthly access fee tmur ukoll lejn is-sussidju tal-mobile mal-kuntratt kellhi nhallas l-ewwel xahar bil-quddiem. Fil-fatt, jien kont qeghda nhallas 20 Euro renta tal-linja, u 20 Euro ohra ghas-servizz tal-Blackberry biex inkun nista nidhol fl-internet* " (fol. 12).

Il-kontijiet kienet thallashom regolarment kull xahar minghajr problemi ta' xejn.

L-intimata tghid li f'Marzu, 2010 il-*mobile* taghha ma baqax jahdem tajjeb. F'April, 2010 hija kienet marret f'*outlet* tas-socjeta rikorrenti biex issewwi dan il-*mobile*. It-*technician* irrifjuta li jsewwi dan il-*mobile* billi skond hu kien jiswa wisq sabiex isewwu l-problema. L-intimata tghid li t-*technician* qalilha li kien ser jiswa iżjed minn €70 biex jissewwa. Meta hi fakkritu li l-*mobile* kien ghadu taht garanzija, t-*technician* xorta wahda irrifjuta li jibghatu ghat-tiswija. Is-socjeta rikorrenti irrifjutat li tibdel dan il-*mobile* b'iehor ġdid. Dak il-hin kellha battibekk mar-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti u qaltilhom "*... li jekk ma humiex ser isewwuli l-mobile jistghu jitterminawli l-kuntratt ghax ma stajtx nuza s-servizz taghhom*" (fol. 12). Skond l-intimata, l-addetti tas-socjeta rikorrenti qalulha li jekk kienet ser tittermina l-kuntratt hi kien ser ikollha thallas €300. Meta telqet mill-*outlet*, hi baqghet maghhom li kellhom icemplulha. Tkompli tghid li xi gimgha wara kienu cemplulha u baqghu jinsistu maghha li kien ser ikollha thallas hi biex jissewwa l-*mobile*. Wara, tghid l-intimata, s-socjeta rikorrenti biddlet il-posizzjoni taghha u aċċettat li thallas nofs l-ispejjez ghat-tiswija tal-*mobile* hi, filwaqt li n-nofs l-iehor kellha thallsu l-intimata. Tkompli tghid li hi ma aċċettatx dan il-fatt u l-*mobile* ma issewwiex. Zammet però s-servizz.

L-intimata tghid ukoll li fil-21 ta' Gunju, 2010 hija kienet baghtet *email* lil *customare care* tas-socjeta rikorrenti, ghal liema *email*, l-istess soċjetà rikorrenti wieġbet b'ohra datata 21 ta' Gunju, 2010 fejn infurmatha li l-ilment taghha

kien gie dirett lejn id-dipartiment konċernat u li kienu ser jikkomunikaw magħha "*... as soon as possible*". Gara però li l-addetti tas-socjeta rikorrenti baqgħu qatt ma kkomunikaw magħha.

F'Ottubru 2010 l-intimata rċeviet ittra mingħand is-socjeta rikorrenti fejn infurmawha li kellha tħallashom bilanċ ta' €539.92c. Hija kienet pronta ċċempel lil *customer care* u dawn infurmawha li l-ammont li kellha tħallas kien ferm inqas minn dak mitlub fl-ittra tagħhom ta' Ottubru, 2010. Tkompli tgħid li "*Fil-fatt ftit jiem wara dik it-telefonata irċevejt kont mill-GO li kien juri li kelli nħallas hafn' inqas minn dak l-ammont*" (tergo ta' fol. 12).

Fi Frar tas-sena 2011 hija rċeviet kont ieħor mingħand is-socjeta rikorrenti fejn ġiet infurmata li hija kellha tagħtiha s-somma ta' €202.95c. Ftit jiem wara hija rċeviet ittra mill-Qorti mingħand is-socjeta rikorrenti fejn din id-darba ġiet infurmata li hija kellha tħallas is-somma ta' €517.95c. Hawnhekk l-intimata regghet ċemplet lis-socjeta rikorrenti sabiex jagħtuha spjega ta' dan il-kont. It-tweġiba li ħadet kienet li s-socjeta rikorrenti kienet waqfet is-servizz lill-intimata. Hija qaltilhom li hi kienet iddeċidiet li tkompli tuża s-servizz li kienet iffirmat mas-socjeta rikorrenti oriġinarjament u dan peress li ma riedītx tħallas is-somma ta' €300 peress li kien għad fadal biss 9 xhur biex jagħlaq il-kuntratt. Apparti dan, l-intimata qalet ukoll li hi staqsiet lill-addetti tas-socjeta rikorrenti jekk setatx tħallas il-penali pro rata u dan peress li kif diġà ingħad, kien għad fadal biss disa xhur biex jagħlaq il-kuntratt. L-addetti tas-socjeta rikorrenti qalulha li hi ma setatx tħallas pro rata u dan peress li l-kuntratt li ffirmat kien igħid li jekk il-kuntratt jiġi terminat hija kellha tħallas il-penali kollha.

Fl-14 ta' Marzu, 2011, l-intimata bagħtet *email* (dok. CB 7 a fol. 19) fejn infurmathom li hi kienet lesta li tħallas il-kontijiet pendenti, iżda ma kienitx lesta li tħallas il-penali u dan peress li fl-ewwel lok ma kienitx maħduma pro-rata u fit-tieni lok ħadd ma infurmaha li s-socjeta rikorrenti kienet sejra twaqqaf is-servizz u li kien ser ikollha tħallas is-sussidju tal-*mobile*. Meta ma rċeviet l-ebda risposta għal din l-*email*, hija bagħtet ċekk fl-ammont ta' €202.95c u

dan bhala hlas ghas-servizz, liema ammont hija kienet qeghda taċċetta. Ma dan ic-cekk hija kienet baghtet ittra fejn infurmathom li dan il-hlas kien qieghed isir *in full and final settlement* tal-kwistjonijiet kollha li kien hemm. Dan ic-cekk issarraf u l-intimata hasbet li l-kwistjoni kienet waqfet hemm sakemm irċeviet it-Talba odjerna. Meta rċeviet din it-Talba odjerna, l-intimata tghid li "*Ghalhekk kont sorpriża hafna meta ġejt infurmata li l-GO fethu kawża kontriha ghad-differenza, u dan żmien wara. Jekk aċċettaw il-pagament tieghi ghas-saldu, ma jistghux jippretendu iktar flus minghandi*" (fol. 13).

ii. Fis-seduta tat-22 ta' Gunju, 2012 **xehdet Simone Ellul**, prodotta mis-socjeta rikorrenti.

Hija bdiet biex qalet li l-ammont mitlub fil-kawza odjerna kien il-penali dovut minnha skond il-kuntratt li kienet iffirmat l-intimata mas-socjeta rikorrenti. Ix-xhud esebiet is-segwenti tlett (3) dokumenti:

a) *Subscription form* (dok. SE 1 a fol. 24);

b) *Statement of account* (dok. SE 2 a fol. 28);

c) Dokument li juri t-tip ta' *mobile phone* (*Blackberry*) li hadet l-intimata minghand is-socjeta rikorrenti, liema *mobile phone* kellu valur ta' €315;

Ix-xhud kompliet tghid li mill-*file* tas-socjeta rikorrenti ma jirrizultax li l-intimata qatt talbet hi li tittermina s-servizz. Mistoqsija meta gie terminat il-kuntratt ta' l-intimata minn mas-socjeta rikorrenti, x-xhud qalet li l-avukati tas-socjeta rikorrenti kienu baghtulha ittra datata 11 ta' Ottubru 2010 (fol. 17) fejn talbuha thallas is-somma ta' €539.92c. Dan l-ahhar ammont kien maghmul minn €220.92c ghall-kontijiet pendenti u €315 ghall-Blackberry. Dak kien l-ammont dovut fl-2010.

Finalment tghid li fil-11 ta' Frar, 2011 hareg kont fl-ammont ta' €224.92c. Fih kien hemm xi renti li jkun hemm iccargjati bil-quddiem (fol. 18). F'dan ir-rigward, mill-kont imsemmi tnaqqset is-somma ta' €21.97 biex b'hekk it-total

li l-intimata kellha taghti kien ta' €202.95c. Apparti dan l-ammont, l-intimata kellha ukoll taghti s-somma ta' €315 ghall-Blackberry u dan peress illi l-Blackberry kien ghadu ma thallas.

Fis-seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2012 kompliet biex xhieda taghha Simone Ellul. F'din is-seduta, x-xhud qalet li fil-*file* tas-scojeta rikorrenti ma hemm l-ebda ittra li l-intimata kienet baghtet u li permezz taghha hija nfurmat lis-socjeta rikorrenti li l-hlas li kienet qeghda taghmel kien *in full and final settlement*. Ziedet tghid li meta jintbaghat cekk lis-socjeta' rikorrenti c-cekk imur il-*cash office*. F'dan il-kaz, ic-cekk mibghut mill-intimata ma wasalx ghandha. Meta ġiet mistoqsija jekk l-addetti tas-socjeta rikorrenti setawx skartaw l-ittra msemmija, x-xhud qalet li hi tahdem fil-*credit control section* tas-socjeta rikorrenti u ghalhekk ma tafx il-proceduri li jaddottaw l-adetti tal-*cash office* u dan peress li kull dipartiment fi hdan is-socjeta' rikorrenti ghandu l-proceduri tieghu.

Ikkunsidra;

3. Nghaddu issa biex nezaminaw l-eccezzjonijiet imqanqal mill-intimata fir-risposta taghha mehud in konsiderazzjoni t-talba tas-socjeta rikorrenti u l-provi mressqa mill-partijiet.

4. L-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimata tghid li l-intimata llum il-gurnata jisimha Carina BORG u mhux Carina ANASTASI. In vista tat-talba maghmula mid-difensur tas-socjeta rikorrenti llum stess u tad-digriet moghti ukoll illum, l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-intimata qeghda tiġi michuda.

5. It-tieni eċċezzjoni hija fis-sens li ma hemm l-ebda ammont dovut u dan peress li l-ahhar kont li l-intimata kienet irċeviet kien fi Frar 2011 ghall-ammont ta' €202.95c liema ammont thallas. Qatt ma ntbaghat xi kont iehor fejn is-socjeta rikorrenti ppretendiet li kien hemm xi ammonti ohra dovuti. It-Tribunal jibda biex ighid li ghar-rigward ta' l-ewwel parti ta' l-eccezzjoni ta' l-intimata, jirrizulta li l-

intimata kienet irċeviet kont minghand is-socjeta rikorrenti datat 11 ta' Frar, 2011 fejn intalbet thallas is-somma ta' €202.95c (fol. 18). Dan l-ammont thallas permezz ta' ċekk datat 28 ta' April, 2011 (tergo ta' fol. 19). Fir-risposta taghha, l-intimata tghid li dan l-ammont kien dovut in konessjoni mal-kont numru 50903742. Fir-rejalta, dan in-numru huwa l-*customer number* u mhux in-numru tal-kont. Skond ma jirrizulta mid-dokument li esebiet l-istess intimata a fol. 18 n-numru tal-kont kien 25131347. B'referenza ghat-tieni parti ta' l-eccezzjoni numru tnejn (2), u cioe meta l-intimata tghid li qatt ma ntbaghat kont iehor fejn is-socjeta rikorrenti ppretendiet li kien hemm xi ammonti ohra dovuta, t-Tribunal jaghmel referenza ghall-kopja ta' l-ittra uffiċjali li esebiet l-istess intimata a tergo ta' fol. 18 fejn fil-15 ta' Frar, 2011 (u allura erbat' ijiem wara l-hrug tal-kont hawn fuq imsemmi) is-socjeta rikorrenti kienet talbet il-hlas tas-somma ta' €517.95c. Jekk minn dan l-ahhar ammont jitnaqqas l-ammont imhallas mill-intimata permezz tac-cekk datat 28 ta' April, 2011 jigi eżatt €315 u cioe l-ammont tal-*mobile* li l-intimata kienet akkwistat minghand is-socjeta rikorrenti.

6. It-tielet eċċezzjoni ta' l-intimata hija fis-sens li l-intimata kienet hallset l-ammont ta' €202.95c fit-28 ta' April, 2011 *in full and final settlement* u li dan il-pagament kien gie aċċettat mis-socjeta rikorrenti. L-intimata tmur pass oltre u tghid li l-hlas ta' l-ammont ta' €202.95c kien jikkomprendi l-"*...kwistjonijiet kollha li kien hemm. Jien ridt li l-kwistjonijiet tinghalaq hemm*" (fol. 13). Dan il-pagament kien akkumpanjat minn ittra "*...fejn ghidtilhom li dak il-hlas qieghed isir 'in full and final settlement' tal-kwistjonijiet kollha li kien hemm. Jien ridt li l-kwistjonijiet tinghalaq hemm*" (fol. 13). Din l-ittra però baqghet qatt ma ġiet esebita. Is-socjeta rikorrenti, tramite Simone Ellul qalet li ma hemm ebda ittra ta' dan it-tip fil-*file* taghha u l-intimata ma ppreżentat l-ebda kopja ta' din l-ittra.

7. Fl-ewwel lok ma jistax ikun dubitat illi "*il-pagament jista' jigi provat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri bi provi diretti, bhal dokumenti, xhieda, u l-konfessjoni tal-kreditur, kif ukoll bi provi*

*indiretti, bhal ma huma l-prezunzjonijiet u l-indizji kapaci li jikkonvincu lill-gudikant*[1]";

8. Fil-kaz in ezami, ma tezisti ebda disputa li l-intimata hallset is-somma ta' €202.95c u dan skond il-kont li hija kienet irceviet u li jgib id-data 11 ta' Frar, 2011 (fol. 18). Dan pero` ma jfisserx ukoll li tali hlas sar, kif kwalifikat mill-intimata, "*in full and final settlement*" tal-kwistjonijiet kollha li kien hemm. Kif inghad l-ittra li tghid li l-hlas kien qieghed isir a saldu tal-pretensjonijiet kollha li kien hemm bejn il-partijiet baqghet qatt ma giet esebita.

9. Huwa veru li cekk, una volta li jigi msarraf minn min jircevih, jikkostitwixxi rikonoxximent tal-pagament. Huwa wkoll veru li dan jikkostitwixxi konfessjoni da parti tal-kreditur versu d-deditur, u, allura wkoll, prova pjena tal-hlas specifiku ta' somma determinata. Daqstant iehor huwa veru illi minn hu msejjah biex jiddeciedi ma ghandux jeccedi l-limiti ta' dak l-istess konfessjoni stabbilita bir-ricezzjoni u tisrif tac-cekk;

10. Naturalment, l-intimata qed tishaq li dan ic-cekk kien a saldu tal-kwistjonijiet kollha li kien hemm pendenti bejn il-partijiet u allura kull obbligazzjonijiet minnha assunta bil-kuntratt datat 13 ta' April, 2009 kienu gew estinti.

11. Irrizulta ukoll li fil-15 ta' Frar, 2011 is-socjeta rikorrenti kienet baghtet ittra ufficjali (ara tergo ta' fol. 18) lill-intimata fejn talbitha l-hlas tas-somma komplessiva ta' €517.95c[2].

12. It-Tribunal, ma huwiex moralment konvint, mill-provi li tressqu quddiemu, li dan il-hlas ta' €202.95c kien qieghed jestingwi l-obbligazzjonijiet kollha li kienet assumiet l-intimata vis-à-vis is-socjeta rikorrenti. L-intimata kien messa nsistiet ghal kwittanza shiha permezz ta' document jew kitba xort' ohra li turi li l-hlas li kienet irceviet is-socjeta rikorrenti kien a saldu tal-pretensjonijiet

---

[1] **Emmanuele Bezzina vs Emmanuele Attard** – Prim' Awla tal-Qorti Civili per Imh. A. Magri (Vol. XLIII/ii/624);

[2] €202.95c ghall-kontijiet pendenti li kien hemm sad-data tal-qtugh tas-servizz ċellulari u €315 penali tal-mobile tat-tip Blackberry

kollha li l-istess socjeta rikorrenti kellha fil-konfront taghha. B'hekk kien ikun verament estint id-debitu. Ma tistax issa l-intimata, fin-nuqqas li tipprezentata l-ittra li hija tghid li baghtet lis-socjeta rikorrenti b'dan il-kliem, titlob lit-Tribunal biex jakkwista c-certezza morali li da nil-hlas kien a saldu tal-pretensjonijiet kollha li kien hemm bejn il-partijiet.

13. Ghall-istess raġunijiet miġjuba hawn fuq, qeghda tiġi michuda r-raba eċċezzjoni taghha. Oltre dan jinghad li ghalkemm huwa minnu li fil-11 ta' Frar, 2011 l-intimata kienet irċeviet kont fl-ammont ta' €202.95c, is-socjeta rikorrenti ukoll kienet ippreżentat ittra uffiċjali kontriha fil-15 ta' Frar, 2011 fejn talbet il-hlas ta' €517.95c. Ghalhekk ma huwiex minnu li hija kienet biss irċeviet l-kont tal-11 ta' Frar, 2011.

14. L-ahhar tlett eċċezzjonijiet jistghu jiġu trattati f'daqqa u dan stante li jittrattaw il-kwistjoni tal-penali. L-ewwel eċċezzjoni f'dan ir-rigward hija l-hames eċċezzjoni li tghid li jekk l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa penali allura trid tinġieb prova dwar il-kuntratt u kif gie mpost il-penali. Is-sitt eċċezzjoni hija fis-sens li kwalsiasi penali li allegatament setghet ġiet imposta ma ġietx imposta regolarment u skont il-ligi u tmur kontra d-drittijiet tal-konsumatur u f'kull kaz ma hijiex ekwa. Fis-sebgha eċċezzjoni taghha, l-intimata talbet lit-Tribunal sabiex inaqqas jew ibiddel il-penali mposta a tenur ta' l-artikolu 1122 tal-Kodici Civili in kwantu s-socjeta attriċi kienet aċċettat espressament il-parti ta' l-obbligazzjoni li ġiet esegwita.

15. Ghar-rigward tal-hames eċċezzjoni ta' l-intimata, it-Tribunal jaghmel referenza ghad-dok. SE 3 (fol. 30) fejn hemm miktub hekk: "*Should this subscription be terminated before two (2) years from the date of this Agreement, GO Mobile reserves the right to charge a penalty fee equivalent to 100% of the discount, hereunder referred to as Agreement Value, given against the Blackberry device*". F'dan il-kaz, l-*agreement value* gie ndikat fl-ammont ta' €315 (fol. 30 dok. SE 3). Ghalhekk din l-eccezzjoni qeghda tiġi michuda.

16. Is-sitt eċċezzjoni tghid li din il-penali ma ġietx imposta regolarment u skont il-ligi u li din tmur kontra d-drittijiet tal-konsumatur u f'kull kaz ma hijiex ekwa. It-Tribunal jerga jaghmel referenza ghall-klawsola hawn fuq riportata fil-paragrafu numru hmistax (15) ta' din is-sentenza. B'zieda ma dan, it-Tribunal jaghmel referenza ghar-rapport ippreżentat mill-intimata fit-22 ta' Gunju, 2012 rilaxxat mill-*Malta Communications Authority* ghal perjodu Lulju u Dicembru, 2011. F'dan ir-rapport, u preċiżament f'pagna sitta (6) tieghu insibu hekk: "*Other Major issues reported to the MCA relate to billing and contractual issues. The most common complaints were related to the charging of 'early termination fees' which are normally applicable when contracts are terminated prior to their expiry.* ***<u>In this respect, the MCA continues to stress on the importance that subscribers carefully read the terms and conditions governing the service/s in question prior to subscribing</u>****. To this effect, by means of the new amendments to the legislation regulating ECS, end-users are being afforded the right to request a hard copy of the terms and conditions, free of charge, from the service providers' outlet, prior to subscribing to a service/s. ALternatively, end-users may also review these terms and conditions from the service provider's website. On the other hand, the MCA also received justified complaints, whereby subscribers were asked to pay early termination fees which were not included in the subscribers' contract. In these cases, the concerned service providers accepted that they could not claim such payments*" (fol. 37) sottolinejar u enfasi tat-Tribunal. F'pagna ghaxra (10) ta' dan ir-rapport imbaghad insibu dan li gej: "*Another aspect of this decision relates to the termination of packages, services and/or the closing down of service providers. MCA's decision requires that in such instances, service providers notify subscribers in writing about the termination of their service, providing them with information on how to switch to an alternative service provider and affording them technical support so as to minimise any disruptions of service*" (fol. 41). Ghar-rigward ta' dan ir-rapport, it-Tribunal jibda biex jghid li dan jaghmel referenza ghall-perjodu meta l-intimata ma kienitx

ghada tinghata servizz. Fil-fatt, skond ma jirrizulta mix-xhieda s-servizz gie terminat lejn l-ahhar tas-sena 2010. Minkejja dan, it-Tribunal huwa tal-fehma li ġaladarba l-intimata ffirmat il-ftehim datat 13 ta’ April, 2009 minn jeddha u liberament allura issa ma tistax tghid li dak li ffirmat ma kienx skond il-ligi u ekwu. Lanqas ma jirrizulta li dan il-ftehim imur kontra d-drittijiet tal-konsumatur. F’kull kaz, anke l-*Malta Communications Authority* tistqarr li “*In this respect, the MCA continues to stress on the importance that subscribers carefully read the terms and conditions governing the service/s in question prior to subscribing*”. Illi ghalhekk ukoll ma jirriżultax li dan il-ftehim kien imur kontra l-ligi. Galadarba l-intimata ffirmat il-ftehim datat 13 ta’ April, 2009 u hadet il-*mobile* tat-tip Blackberry, allura hija kienet qeghda taċċetta l-istess kondizzjonijiet u ma tistax issa, unilateralment, taqbad u tipprova tmur lura mill-ftehim minna aċċettat.

17. Fl-ahhar eċċezzjoni taghha, l-intimata invokat l-artikolu 1122 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jaqra hekk:

**1122.** (1) Il-qorti ma tistax tnaqqas jew ittaffi l-penali ħlief f’dawn il-każijiet:

(*a*) jekk id-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u l-kreditur ikun aċċetta espressament il-biċċa li ġiet esegwita;

(*b*) jekk id-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u l-parti hekk esegwita, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi partikolari tal-kreditur, tkun biċ-ċar tiswielu. Iżda, f’ dan il-każ, ebda tnaqqis ta’ penali ma jista’ jsir, jekk id-debitur, meta ntrabat għall-penali, ikun irrinunzja espressament għal kull tnaqqis jew jekk il-penali tkun ġiet miftiehma għad-dewmien biss.

(2) Meta skont dan l-artikolu l-penali għandha tiġi mnaqqsa, it-tnaqqis għandu jsir fil-proporzjon tal-parti tal-obbligazzjoni li tkun baqgħet mhux esegwita.

18. Il-principji rilevanti fir-rigward tal-materja ta’ penali li jirrizultaw mill-provvedimenti tal-ligi, huma ssegwenti:-

(a) Penali hu ftehim volontarju li ghandha bhala wiehed mill-iskopijiet taghha li tiddiswadi lid-debitur milli jibqa’ inadempjenti fit-twettiq tal-obbligazzjoni. Min-naha l-ohra jekk l-iskop ta’ prevenzjoni tibqa’ mhux rejalizzata, il-klawzola penali hi mezz ta’ repressjoni in kwantu l-piena pattwita fil-klawzola tissanzjona il-komportament illecitu tad-debitur.

(b) Penali hi **kumpens ghall-hsara li jsofri kreditur minhabba nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni principali mid-debitur** (Artikolu 1120[1])[3]. Fil-kawza deciza mill-Qorti ta’ l-Appell (Inferjuri)[4] fis-27 ta’ Frar 2008 fl-ismijiet **Emanuel Borg vs The Two Divers Company Limited** gie osservat: *“M’ hemmx dubbju illi klawsola penali f’ kuntratt* ***ghandha funzjoni essenzjalment rizarcitorja intiza biex tiffissa b’ mod preventiv, u anke b’ mod vinkolanti, l-ammont tad-dannu f’ kaz ta’ dewmien jew ta’ inadempiment.*** *F’ dan is-sens jinsab ritenut illi l-klawsola penali “è una convenzione accessoria che serve di mezzo per rafforzare la obbligazione principale e rappresenta la valutazione convenzionale dei danni sofferti dal creditore per l’ inadempimento o per la mora. Essa quindi riveste il triplice carattere di obbligazione accessoria, di mezzo coercitivo e di indennizzazzione convenzionale” (****Goffredo Chretien nomine et -vs- John Ciancio****, Appell Kummercjali, 13 ta’ April, 1921*[5]*)”*. Rilevanti li jigi citat dak li l-Qorti tal-Appell (Sede Kummercjali) kompliet tghid: *“Da tale nozione deriva che natura e fine della clausola penale e’ non soltanto quella di offrire al creditore un mezzo di coazione contro il debitore ma bensi di provvedere ad una liquidazione preventiva dei danni risarcibili al creditore in caso di inadempimento o ritardo. Ne deriva ancora che*

[3] Ara sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Geraldo Vella vs Av. Dr. Joseph Fenech nomine** tal-5 ta’ Ottubru 1957 (Vol. XLI.ii.1108);

[4] Imhallef P. Sciberras;

[5] Vol. XXIV.i.1110;

*quando la pena adietta ad un'obbligazione principale per assicurarne l'adempimento non riveste I detti tre caratterii riuniti essa non deve essere interpretata ed applicata coi criteri e con le norme che sono propri della clausola penale, ma la sua interpretazione ed applicazione vanno regulate secondo I principii di ditto che meglio corrispondono alla natura ed al fine speciale della pena stessa".*

(c) Kreditur jista' jagixxi ghat-twettiq tal-obbligazzjoni principali minflok ma jitlob il-penali li fiha jkun inkorra d-debitur (Artikolu 1120[2]). Kreditur ma jistax jitlob il-haga principali u l-penali flimkien, hlief meta l-penali tkun giet pattwita ghad-dewmien biss (Artikolu 1120[3]).

(d) Id-debitur jaqa' fil-penali meta jsir hati ta' dewmien, bhal ma jinghad fl-artikolu 1130 tal-Kodici Civili (Kap. 16), fis-sens li fejn l-obbligazzjoni tkun li jaghmel u jigi pattwit zmien, id-debitur jigi imqieghed in mora bl-eghluq ta' dak iz-zmien.

(e) Huwa principju rikonoxxut mil-ligi lokali li fejn si tratta ta' danni u mghax ghal dewmien fl-ezekuzzjoni ta' obbligazzjoni, id-debitur jista' jehles minnhom fejn jaghti prova li d-dewmien sar minhabba xi haga barranija li taghha huwa ma kellux htija (ara Artikolu 1133 tal-Kodici Civili). Fil-kawza fl-ismijiet Mark Calleja Urry et vs Joseph Portelli et[6] inghad li "*Minkejja dak li jipprovdi l-Artikolu 1122 kif tista' Qorti tikkundanna d-debitur li jhallas penali fejn ma jkollux htija ghad-dewmien jew fejn id-dewmien m'huwiex kollu tort tieghu ? Il-Qorti hi tal-fehma li l-principji elementari ghandhom isibu applikazzjoni wkoll fil-kaz ta' penali*; *"Connotato essenziale della clausola penale e' la sua connessione con **l'inadempimento colpevole** di una delle parti e pertanto essa non e' configurabile allorche' sia collegata all'avversari di un fatto fortuito o, comunque,*

[6] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) deċiża mill-Magistrat, illum Onor. Imhallef A. Ellul fil-31 ta' Lulju, 2008;

*non imputabile alla parte obbligata"*[7]. Hekk ukoll: *"The penalty is to take the place of damaes and therefore it will not be exigible whn there has been nof fault or default on the part of the debtor. When the non-performance has been caused by force majeure or by the fault of the creditor the penalty cannot be claimed. But the fact that no damage has been caused does not prevent the penalty being claimed*[8]*"*. Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Dottor George Vassallo nomine vs Paul Maria Laferla** deciza mill-Qorti tal-Kummerc[9] gie osservat: *"Pero' l-Qorti tixtieq tosserva li f'materja ta' penali* ***wiehed irid juza certa diskrezzjoni fis-sens li mhux kull nuqqas jew diffett minimu ghandu jigi kunsidrat bhala ta' kwalita' li wiehed jista' jghid li x-xoghol mhux kompletat b'mod li jkollu d-dritt ghall-penali.****"*. Il-fatt li l-partijiet iddikjaraw fil-kuntratt li l-penali *"… ma tkunx sindakabbli minn xi Qorti"* ma jfissirx li l-Qorti ghandha idejha marbutin.

(f) L-interpretazzjoni li qeghda tinghata mill-Qrati taghna ghar-rigward tal-penali u l-applikazzjoni tal-kuncett ta' *buona fede* fl-ezekuzzjoni tal-kuntratti[10] fejn si tratta ta' klawzola penali minkejja dak li jinghad fl-Artikolu 1122 tal-Kodici Civili hija fis-sens li minn huwa msejjah biex jiddeciedi ghandu jirrikorri ghal valuri ta ekwita' li taghti diskrezzjoni lill-gudikant minkejja li tradizzjonalment is-sistema taghna hi wahda ta' ligi pozittiva (*positive law*)[11]. Madankollu l-Qrati jidhru li addottaw dan l-atteggjament sabiex ma jigi permess lil hadd li japprofitta ruhu

---

[7] *Commentario Breve al Codice Civile*, G. Cian e A. Trabucchi, Cedam, (1996) pagna 1480;

[8] *Introduction to French Law*, Amos & Walton, Tielet Edizzjoni, pagna 189;

[9] Imhallef G. Schembri;

[10] Art. 993 tal-Kodici Civili;

[11] *"The example of German law shows how fertile such a provision can be. The famous general clase of article 242 of the German Civil Code, which is to the same effect as the French article, has been used by the German courts with remarkable freedom to adapt the law of contract to changed economic and social circumstances and attitudes, by, for example, requiring the revision of agreements in the light of inflation and revaluation of the currency after the First World War and again after the Second, or, more recently, by policing exemption clauses (The French Law of Contract,* Barry Nicholas, Clarendon Press Oxford, Tieni Edizzjoni, pagna 153);

gialadarba l-provvedimenti li jirregolaw il-klawzoli penali ma jippermettux li Qorti tirrevedi penali li hi eccessiva meta wiehed iqies il-fattispecjie rilevanti tal-kaz partikolari. F'dan il-kuntest il-Qorti taqbel ma dak li nghad fis-sentenza **Angelo Bartolo nomine vs Emanuel Zammit**[12] li din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 993 tal-Kodici Civili tidher li qeghda tippromuovi l-hsieb ta' funzjoni korrettiva wara dan il-provvediment;

19. Issa f'dan il-kaz, u b'applikazzjoni tal-principji hawn fuq enuncjati, jirrizulta li l-intimata kienet hadet *mobile phone* tat-tip Blackberry bil-valur ta' €315 fit-13 ta' April, 2009 b'kuntratt ghal sentejn. Dan il-*mobile* gie affett minn hsara fl-ahhar ta' Marzu, 2010. Minkejja dan, hija baqghet tuża l-istess linja sa Settembru, 2010 (ara dok. SE 2 a fol. 28) meta imbaghad is-socjeta rikorrenti itterminat il-ftehim peress li l-istess rikorrenti ma kienitx qeghda thallas il-kontijiet li l-istess soċjetà rikorrenti kienet qeghda tibghatilha[13]. Li kieku l-intimata baqghet thallas il-kontijiet regolarment, hija kienet tibqa tuża l-linja u wara l-gheluq tas-sentejn hija ma kienitx tkun soġġetta ghall-penali. Issa f'dan il-kaz, is-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-penali kollha ta' €315 u dan skond ma kien gie pattwit bejn il-partijiet fit-13 ta' April, 2009. It-Tribunal però huwa tal-fehma li jkun gust u ekwu li l-intimata ma thallas il-penali kollha iżda thallas biss dik il-parti tal-penali minn meta twaqqaf is-servizz sal-perjodu li kien jiskadi l-kuntratt. Bejn nofs Settembru, 2010 u nofs April, 2011 hemm seba' (7) xhur. Jekk wiehed jaqbad l-ammont ta' €315, jidividih b'erbgha u ghoxrin xahar (sentejn tal-kuntratt) jiġi l-ammont ta' tlettax-il euro u tlettax-il ċenteżmu ta' euro (€13.13c) kull xahar. Peress li kien ghad fadal seba' (7) xhur biex jiskadi l-kuntratt, allura huwa gust u ekwu li l-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti l-ammont ta' €13.13c ghal seba' (7) darbiet biex b'hekk jiġi l-ammont ta' wiehed u disghin euro u wiehed u disghin ċenteżmi ta' euro

[12] Prim' Awla tal-Qorti Civili per Onor. Imh. T. Mallia deciza fid-19 ta' Jannar, 2006;

[13] Dan il-fatt huwa implicitament rikonoxxut mill-intimata meta hija stess tammetti li baghtet ċekk fl-ammont ta' €202.95c lis-socjeta rikorrenti fit-28 ta' April, 2011 skond kont datat 11 ta' Frar, 2011.

(€91.91c). Huwa dan l-ammont li t-Tribunal sejjer jikkundanna lill-intimata biex thallas lis-socjeta rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li jichad l-ewwel sitt eċċezzjonijiet ta' l-intimata fejn dawn huma b'xi mod inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż, qieghed jilqa s-seba' (7) eċċezzjoni taghha u fuq bażi ta' ekwita jirriduċi l-ammont ta' penali dovut minnha lis-socjeta rikorrenti ghas-somma ta' wiehed u disghin euro u wiehed u disghin ċenteżmu ta' euro [€91.91c] u konsegwentement jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ridott ta' wiehed u disghin euro u wiehed u disghin ċenteżmu ta' euro [€91.91c] u jikkundanna lill-intimata sabiex thallas lis-socjeta rikorrenti l-ammont ridott ta' wiehed u disghin euro u wiehed u disghin ċenteżmu ta' euro [€91.91c]. L-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza.

Kull parti, in vista tac-cirkostanzi tal-kaz, ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------